MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 347/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Carmelo Arpa**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar l-1 ta' Novembru, 2008 u fix-xhur ta' qabel din id-data, gewwa r-residenza tieghu, 133, Triq Manwel De Vilhena, Gzira, u fi bnadi ohra f' dawn il-Gzejjer, zamm f' xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu, xi armi tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, minghajr ma kellu licenzja taht l-istess Att;

U aktar talli nhar l-1 ta' Novembru, 2008 u fix-xhur ta' qabel din id-data, xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew taht il-kontroll tieghu u/jew kif ukoll depozitati ghandu, Air Pistol tal-marka Mondial Oklahoma, kalibru 4.5 mm bin-numru tas-serje mhux maghruf, Air Pistol tal-marka Heym,

kalibru mhux maghruf u numru tas-serje mhux maghruf, pistola tal-marka Beretta, tip 84BB, kalibru 8mm, numru tas-serje mhux maghruf u kif ukoll munizzjon (4 balal sparati), liema armi u munizzjoni, l-importazzjoni u l-pussess taghhom huwa pprojbit u/jew ristrett u/jew limitat u li dazju taghhom li jammonta ghal valur totali ta' €315.92 mhux imhallas.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Lulju, 2010 fejn il-Qorti sabet lil imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u wara li rat l-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 60(b)(c)(k) u 62(a)(c)(f)(g)(h)(i)(k), paragrafu (a) tal-proviso ta' l-artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta u ikkundannatu ghal-hlas ta' multa ta' mija u ghoxrin euro (€120) u ordnat il-konfiska ta' l-armi esebiti favur il-Gvern ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-27 ta' Lulju, 2010 fejn talab lil din il-Qorti sabiex joghgobha tirriforma is-sentenza appellata fis-sens illi:

a. Tikkonfermaha fejn sabet lill imputat appellat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;
b. Tirrevokaha u thassarha f' dik il-parti relattiva ghall-piena fejn ikkundannat lill-imputat biss ghal-multa ta' €120 u
c. Minflok, tinfliggi l-piena idoneja kontra l-imputat appellat skond il-Ligi, inkuz kull konsegwenza ohra prevista mill-Ligi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravju huwa car u manifest stante li l-piena moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet minhabba fix-xorta jew kwantita taghha differenti minn dik preskritta bil-Ligi ghar-reat li dwaru l-persuna misjuba hatja tkun giet sentenzjata, kif ukoll peress li hija piena imtaffija wisq tenut kont tac-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Dan jinghad ghaliex f’ dan il-kaz l-imputat gie misjub hati kemm taht il-Kapitolu 480 kif ukoll taht il-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta li, fl-umli fehma tal-esponent, jipprovdu pieni differenti minn dawk inflitti f’ dan il-kaz ghar-reat de quo.

1. L-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta

Dan l-artikolu jaqra hekk:

5. (1) Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet l-ohra ta’ dan l- Att, hadd ma ghandu jzomm f’ xi fond jew ikollu fil-pussess
tieghu, taht il-kontroll tieghu jew igorr barra minn xi fond jew fid-dintorni
tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II
minghajr ma jkollu licenza taht dan l-Att.

Il-piena prevista ghal sejbien ta’ htija f’ dan il-kaz hija imsemmija imbghad fl-artikolu 51(2) tal-istess Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan l-artikolu jaqra hekk:-

(2) Kull min jikser l-artikolu 5(1) ikun hati ta’ reat u jista’,
meta jinsab hati, jehel prigunerija ghal zmien mhux inqas minn tliet
xhur u mhux izjed minn hames snin:
Izda meta l-kundanna jkollha x’taqsam ma’ pussess ta’ armi
Regolari jew munizzjon gewwa xi fond jew il-ksur jitqies bhala
wiehed zghir hafna mill-Qorti, u wara li titqies xi tkun il-kwantità
jew il-kwalita` ta’ l-armi tan-nar jew tal-munizzjon il-Qorti tkun
sodisfatta li dawn ma kienux qeghdin hekk jinzammu ghall-bejgh
jew ghal xi xorta ta’ negozju iehor jew inkella biex isir uzu
minnhom kontra l-ligi, il-hati jista jehel multa ta’ mhux anqas
minn sitt mija u tmienja u disghin euro u wiehed u tmenin
centezmu (698.81) jew prigunerija ghal-zmien mhux anqas minn

tliet xhur jew dik il-multa u prigunerija flimkien:
Izda wkoll meta l-kundanna taht l-artikolu 5(1) tkun
Tirrigwarda l-pusess ta' arma tan-nar barra minn xi fornd u r-reat
Ikun sar minhabba fil-bzonn attwali tad-difiza leggittima teighu
Innifsu jew tad-difiza leggittima ta' haddiehor, il-hati ma jehel ebda piena.

Fil-fehma tal-esponent il-pozizzjoni bazi f'dan il-kaz hija li l-piena ta' prigunerija hija tassattiva ghal zmien mhux inqas minn tliet xhur u mhux izjed minn hames snin. Hija biss f'kaz li l-Qorti jidhrilha li ksur tal-Ligi ikun wiehed zghir hafna, tenut kont tal-kwantita jew kwalita tal-armi tan-nar u munizzjon u dment li tali armi ma jkunux qed jigu mizmuma ghal bejgh, jew skop ta' negozju jew biex isir uzu minnhom skond il-Ligi li l-Qorti ghandha is-setgha li timponi multa ta' mhux anqas minn €689.81 jew prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlett xhur jew dik il-multa u prigunerija flimkien. F'dan il-kaz mhux kontestat li ma kien hemm ebda cirkostanza li turi li l-imputat appellat kien qieghed jippossjedi arma tan-nar barra minn xi fond u li r-reat sar minhabba fil-bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu innifsu jew ta' haddiehor.

Issa f'dan il-kaz, fis-sentenza taghha l-Qorti ma semmiet imkien li kienet qed tikkunsidra l-ksur tal-Ligi kien wiehed zghir hafna b'mod li applikat l-ewwel proviso ghall-artikolu 51(2). Huwa minnu li dan l-artikolu ma jehtiegx lil dik l-Onorabbli Qorti li ssemmi fis-sentenza taghha dawn ic-cirkostanzi fis-sentenza taghha. Biss anke jekk gratia argomenti kienet tal-fehma li setghet tikkunsidra l-applikazzjoni ta' dan il-proviso, xorta wahda jibqa` l-fatt li l-minumum tal-multa li setghet tigi inflitta kien dak ta' €698.81 – li xorta huwa ferm oghla minn €120 imposti f'dan il-kaz.

2. L-artikoli 60(b)(c)(k) u 62(a)(c)(f)(g)(h)(i)(k), paragrafu (a) tal-artikolu 62 tal-Kaptiolu 37

Anke hawn fil-fehma tal-esponent, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) erogat piena li mhux dik prevista mil-Ligi.

L-artikolu 62 tal-Kapitolu 37 jghid li fil-kaz ta' ksur ta' dik id-disposizzjoni persuna misjuba hatja:-

jeħel għal kull wieħed minn dawk ir-reati multa ekwivalenti għal
tliet darbiet l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti jew
ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu
(582.34), skont liema jkun l-akbar, hekk li terz minn dak l-ammont
għandu jitqies bħala dejn ċivili addebitat u li jitħallas lid-
Dipartiment tad-Dwana, jew ghal dik il-multa flimkien ma'
priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn; u l-ħati jista'
jiġi arrestat jew miġjub quddiem il-qorti b'ċitazzjoni bil-mod u filforma
kif jingħad fil-Kodiċi Kriminali, u skont id-disposizzjonijiet
l-oħra kollha ta' dak il-Kodiċi:
Iżda -
(a) meta l-oġġetti li dwarhom ikunu saru proċedimenti
kontra l-ħati ikunu xi oġġetti minn dawk murija fl-
Iskeda li tinsab ma' din l-Ordinanza l-piena ta'
priġunerija hawnhekk preskritta għandha tapplika
f'kull każ;
(b) fil-każ ta' reċidiva għal reat skont dan l-artikolu fi
żmien tnax-il xahar mill-kundanna ta' qabel il-ħati
jeħel priġunerija għal żmien minn sitt xhur sa tliet
snin, b'żieda għall-pieni ta' flus hawnhekk preskritti; u
(ċ) il-pieni imposti b'dan l-artikolu ma għandhomx
japplikaw fil-każ ta' reat li jkollu x'jaqsam mal-
importazzjoni ta' oġgetti kontrarjament għal
projbizzjoni jew restrizzjoni meta jkun hemm piena
espressament għal dak ir-reat bil-liġi jew att ieħor li
jimponi l-projbizzjoni jew restrizzjoni.

Fil-fehma tal-esponent f'dan il-kaz, l-oggetti li dwarhom saru l-procedimenti kontra l-persuna misjuba hatja kienu oggetti murija fl-iskeda annessa mal-Kapitolu 37 in kwantu huma armi tan-nar u munizzjon. Ghalhekk il-piena kellha tkun dik ta' prigunerija tassattiva kif imsemmi fil-paragrafu

(a) ta' dan l-artikolu, u mhux il-multa u jew multa u prigunerija flimkien kif il-Qorti ghandha diskrezzjoni timponi ai termini tal-istess artikolu, li kieku ma kiex applikabbli dan il-proviso (a).

Dan il-proviso japplika xorta wahda minkejja dak li hemm imsemmi fil-proviso inkuz fil-paragrafu (c) ta' dan l-artikolu. Dan minhabba l-fatt li ghalkemm huwa minnu li l-pieni imposti b'dan l-artikolu ma ghandhomx japplikaw fil-kaz ta'reat li jkollu x'jaqsam ma' l-importazzjoni ta' oggetti kontrarjament ghal projbizzjoni jew restrizzjoni meta jkun hemm piena espressament ghal dak ir-reat bil-ligi jew att iehor li jimponi l-projbizzjoni jew restrizzjoni, f'dan il-kaz, l-artikolu li wkoll gie misjub hati tahtu l-imputat appellat, u cioe` l-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta ma jipprojbix l-importazzjoni ta'oggetti kontrajament ghal projbizzjoni jew restrizzjoni kif imsemmi f'dan il-paragrafu (c), izda jipprojbixxi z-zamma f'xi fond jew pussess, kontroll jew garr barra minn fond jew dintorni t'arma tan-nar, u mhux l-importazzjoni tal-istess.

Inoltre, fl-umli fehma tal-esponent, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ma setghetx tapplika d-dispozizzjonijiet tal-arikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta f'dan il-kaz, in kwantu ma hux applikabbli ai termini tal-artikolu 61 tal-Kaptiolu 480 u l-artikolu 87 tal-Kapitoluy 37 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk ma setghetx tinzel taht il-minimum stabbilit mil-ligi f'dan il-kaz.

Ikkunsidrat

Irrizulta mill-provi illi fl-1 ta' Novembru 2010 il-Pulizija rrceviet informazzjoni illi fir-residenza 133 Triq Manoel De Vilhena, l-Gzira kien hemm diversi armi u munizzjon mahzun. Wara li l-Pulizija otteniet il-hrug ta' mandat ta' perkuzizzjoni affettwat tfittix fir-residenza *de quo* fejn instab fost affarijiet ohra l-armi u munizzjoni imsemmija fic-citazzjoni.

Sussegwentement il-Pulizija resqu lill-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati fejn gie mixli bir-reati imsemmija, ghall-

liema reati l-appellat ammettta inkondizzjonament u gie mmultat.

L-aggravju tal-Avukat Generali huwa li l-piena moghtija mill-Qorti tal-Magistrati kienet imhabba x-xorta jew kwantita` taghha differenti minn dik preskritta bil-ligi ghar-reat li dwaru nstab hati.

Bil-verbal tas-17 ta’ Mejju 2012 l-appellat iddikjara li l-appell tal-Avukat Generali hu fondat fil-fatt u fid-dritt. Jaccetta illi ghandu jkun hemm zieda fil-multa pero` stante li llum l-appellat hu pensjonant u bi problemi ta’ sahha jitlob li jkun awtorizzat ihallas b’rati mensili.

Ikkunsidrat

B’verbal bhal dan ma hemmx aktar x’tikkonsidra, hlief li l-Qorti taghmel pjena referenza ghar-rikors tal-appell tal-Avukat Generali ghar-ragunijiet il-ghala l-piena erogat fl-ewwel sentenza ghandha tigi mibdula.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta` w tiddeciedi illi tilqa` l-appell, tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u fejn ikkonfermat il-konfiska tal-armi favur il-Gvern ta’ Malta, tirrevokaha w thassaraha f’dik il-parti relattiva ghall-piena fejn ikkundannat lill-imputat ghall-multa ta’ mija w ghoxrin Ewro (€120) u minflok tikkundanna lill-appellat ghall-piena ta’ prigunerija ta’ tlett (3) xhur, b’dana pero`, wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali tordna li dan it-terminu ghandu jkun sospiz ghal zmien sena mill-lum.
Oltre dan, tikkundannah ghall-multa ta’ €698.81 ghall-fini tal-ewwel imputazzjoni u ghall-multa ta’ €947.76 ghall-fini tat-tieni imputazzjoni, u cioe` multa komplessiva ta’ €1646.57.
Fl-ahhar il-Qorti taderixxi ghal talba tal-appellat sabiex ihallas il-multa f’rati mensili u tordna li din il-multa ghandha tithallas fuq perjodu ta’ tlett (3) snin u cioe` €46 kull xahar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------